MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 361/2006

Il-Pulizija
(Spettur C. Magri)
Vs

Kevin Azzopardi
Omissis

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat u omissis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1. fit-12 ta' Mejju, 2000, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu, mill-hanut bl-isem Zak Boutique, sitwat fi Triq il-Merkanti, il-Belt, Valletta, ikkommetew serq ta' sitt arloggi tal-marka CAT, ghad-dannu ta' Charles Borg mill-Kappara, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u bil-hin, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(a)(b), 263(a), 264(1), 267 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li ghamlu delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma regolari (mus), jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan bi ksur tal-Artikolu 26(a)(b) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, ghad-dannu ta' Charles Borg mill-Kappara, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM50), imma izjed minn ghaxar liri Maltin (LM10), u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Omissis
6. Omissis
7. Omissis
8. Omissis
9. Omissis
10. **lil Kevin Azzopardi u omissis** akkuzati wkoll talli saru recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280, 281, 289, 31, 20, 22, 23, 533, 330, 325(b), 49, 50, 28A u 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 2, 13, 19, 25, 26, 27 tal-Kap. 66, sabet lill-appellat Kevin Azzopardi hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ghaxar akkuza, b'assorbiment tat-tielet akkuza li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza w ikkundannatu ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn. Inoltre qeghdet lill-appellat taht "supervision suspended order" ghal sentejn, taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat.
Fil-konfront tal-omissis il-Qorti ma sabitux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-21 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat omissis, izda ddikjarat u sabet htija fl-appellat Kevin Azzopardi skond l-akkuzi migjuba kontrih, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, ghal liema perjodu wkoll poggietu taht "supervision suspended order" taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat; u, minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi billi l-perjodu ta' tmintax-il xahar prigunerija ma jkunx wiehed sospiz ghal xi zmien, imma wiehed effettiv.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti invokat u applikat id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali sabiex setghet tinfliggi l-piena li effettivament infliggiet, meta, bil-mod jif ghaddiet sabiex tapplika l-imsemmi artikolu, ghamlet applikazzjoni legalment zbaljata fis-sens li r-ragunijiet li hija elenkat fis-sentenza appellata ma jistghu qatt skond l-istess ligi, jikkwalifikaw bhala ragunijiet li legalment jirrendu applikabbli d-dispozizzjoni tal-imsemmi artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Bl-addebitu tar-recidiva, ghal liema l-imputat appellat Kevin Azzopardi ukoll ammetta, l-Ewwel Qorti ma setghetx legalment tapplika periodu ta' prigunerija sospiza ghal zmien u dana skond kif espressament jiddisponi u jimpedixxi l-artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali meta l-hati jkun recidiv fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, kif proprju kien fil-kaz odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Li huwa minnu li skond l-artikolu 28A(7) (b) ma jistax isir ordni ta' sentenza sospiza meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-terminu tal-artikolu 50.

Illi bl-ammissjoni inkondizzjonata w bla rizervi tieghu stess (fol. 139), l-appellat ma jikkontestax li huwa recidiv. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza f' dan il-kaz u kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati li l-appellat kien ammetta l-htija taghhom w li kien instab hati taghhom u kwindi l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi. (ara : app. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Compagno"** [9.7.2003] **"Il-Pulizija vs. Claire Cassar"** [2.11.06] u ohrajn)

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Martin James"** [27.5.2004] :-

"*f'kazijiet bhal dawn idejn din il-Qorti jkunu marbuta ghaliex ladarba l-appellat ma jkunx hu ukoll appella mis-sentenza w partikolarment mill-kundanna ghal terminu ta' prigunerija - sia pure sospiza – dik il-kundanna tkun ghaddiet in gudikat u allura l-uniku "point in issue" quddiem din il-Qorti jkun jekk il-kundanna ghal zmien ta' prigunerija ghandhiex tidhol in effett minnufieh jew ghandiex tkun wahda sospiza skond l-artikolu 28A. Ghalhekk lanqas ma jkun possibbli ghal din il-Qorti li tikkonsidra xi xorta ta' provvediment iehor li forsi jkun aktar idoneju fic-cirkostanzi ta' xi kaz partikolari – bhal nghidu ahna dawk kontemplati fil-Kap. 446 – li mhumiex prekluzi li jigu moghtija w applikati minnhabba r-recidiva. Dan qed jintqal biex tigi senjalata din il-"pit fall" fejn l-akkuzat li jkun minghalih li l-kaz tieghu ser jintemm bi provvediment ta' sentenza sospiza - ovvjament ghas-sodisfazzjon tieghu - ma jsibx ruhu li, fi stadju t' appell, kollox jigi rovexxjat irrimedjabilment ghax hu ukoll ma jkunx appella, u hekk jaqa' kif jghidu bl-ingliz "between two stools" ."*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kkundannat lill-appellat ghal tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, ghall-liema periodu poggietu wkoll taht supervision suspended order taht is-supervision tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat u minnflok tikkundannah ghall-piena ta’ tmintax il-xahar prigunerija effetivi; w tikkonfermaha fil-kumplament taghha kollu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------